# L-MGDF tiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Klieb Gwida

Il-Fondazzjoni Maltija Klieb Gwida (MGDF) fil-25 ta' April, 2014, iċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Klieb Gwida b'kommemorazzjoni ppreseduta mill-Ministru tad-Djalogu Soċjali Helena Dalli.

Waqt l-avveniment, li sar fis-sala tal-konferenzi ta' Borg Cardona & Co. Ltd f'Ta' Qali, il-ministru ppreżentat ċertifikati għal servizz twil lil sidien ta' klieb gwida u l-klieb tagħhom li ilhom jaħdmu flimkien għal iktar minn sena.

Ċertifikati ta' attendenza ingħataw lil dawk kollha li segwew taħriġ fl-Orjentament u Mobbiltà u t-teżorier tal-MGDF, Francis Naudi, irċieva ċertifikat ta' rikonoxximent għal servizz fit-tul. Fost dawk li kienu preżenti kien hemm il-kandidat tal-MEPs Arnold Cassola.

Ms Dalli tat ġieħ tax-xogħol kollu li jsir mingħajr interess fis-settur volontarju u partikularment mill-MGDF għall-għajnuna li jagħtu biex in-nies jgħixu ħajja indipendenti.

Fid-diskors tiegħu, iċ-ċermen tal-MGDF, Leone Sciberras, fakkar id-drittijiet ta' sidien ta' klieb gwida li jidħlu kullimkien bihom – postijiet pubbliċi, lukandi, ristoranti u fuq it-trasport pubbliku – bħala parti mill-ħajja normali tagħhom ta' kuljum.

"Dawn huma klieb tax-xogħol li ġew imħarrġa minn esperti u huwa biss wara xhur ta' taħriġ u wara li ġew immaċċjati fil-karattru u l-istatura bis-sidien tagħhom, li jitħarrġu iżjed huma stess, li jibdew jaħdmu bħala tim," qal is-Sur Sciberras.

Irrefera għall-avveniment li kellu jsir fil-Belt filgħodu, li sfortunatament tħassar minħabba li kien mistenni jagħmel riħ qawwi. Din ġiet posposta għal ġurnata oħra meta membri tal-fondazzjoni u klieb gwida bis-sidien tagħhom jintlaqgħu man-nies li jkunu mixjin fit-triq u jitkellmu magħhom fuq l-esperjenza tagħhom u fuq ix-xogħol tal-MGDF fost in-nies neqsin mid-dawl.

– TMIEM –

Captions:




**Il-Ministru Helena Dalli, biċ-ċermen tal-MGDF Leone Sciberras (xellug) u l-PRO Malcolm J Naudi waqt il-kommemorazzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Klieb Gwida**




**Il-Ministru Dalli tippreżenta ċertifikat wara li tlesta taħriġ fl-Orjentnament u l-Mobbilità**



